**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 8 ta' Ottubru, 2020**

**Rikors Numru: 402/2012 MLF**

**Middlesea Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha John Ranson abbazi tal-polza ta' asikurazzjoni w tal-ligi w l-istess John Ranson, u b'digriet tal-Qorti tas-27 ta' Gunju 2016, isem is-socjeta` attrici gie mibdul ghal "Mapfre Middlesea Insurance plc"**

**vs**

**Emanuel Vella esercenti l-kummerc taht l-isem E&M Installations**

Il-Qorti,

**1.** Rat l-avviz tal-atturi fejn talbu li din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallashom is-somma ta' sitt elef disa' mija tmienja w sittin Euro u hamsa u disghin centezmu (€6,968.95) li minnhom mitt Euro huma pagabbli lir-rikorrenti John Ranson bhala excess, rapprezentanti danni u spejjez ancillari sofferti mill-atturi b'rizultat ta' incident illi sehh fit-13 ta' April 2012 fid-dar ta' John Ranson assikurat mas-socjeta` rikorrenti,

meta kwantita` ta' ilma illi kien gej mill-water heater ikkawza hafna hsara fil-kcina tar-rikorrenti Ranson, ghal liema hsara kellha taghmel tajjeb is-socjeta` attrici abbazi tal-polza tal-assikurazzjoni. Illi l-incident in kwistjoni sehh unikament minhabba negligena u traskuragni da parti tal-intimat jew dipendenti tieghu li kien inkarigat sabiex jinstalla l-water heater in kwistjoni, liema water heater ma giex installat skond kif titlob l-arti u s-sengha.

**2.** Bl-imghax min-notifika tal-ittra ufficjali tat-8 ta' Awwissu 2012 u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra legali tat-30 ta' Lulju 2012 u dawk tal-mandat ta' sekwestru ipprezentat kontestwalment mar-rikors promotur.

**3.** Rat ir-risposta tal-konvenut li permezz taghha eccepixxa:

1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda.

2. Illi l-konvenut ma wettaq xejn hazin f'xoghlu u ma kien bl-ebda mod negligenti.

3. Illi kull xoghol li sar mill-konvenut sar skond l-arti u s-sengha u anke minhabba f'hekk il-pretensjonijiet attrici ghandhom jigu michuda.

**4.** Semghet ix-xhieda, rat id-dokumenti u l-atti kollha ipprezentati.

**5.** Semghet it-trattazzjoni orali tal-avukati difensuri tal-partijiet.

**6.** Ikkunsidrat:

**Il-Fatti**

**7,** Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma s-segwenti:

1. Is-socjeta` attrici, tramite s-socjeta` Melita Unipol Insurance Agency Limited, harget polza ta' assikurazzjoni lill-attur John Ranson li, *inter alia*, kienet tkopri l-ghamara li kienet tinsab fil-fond tal-attur fl-indirizz Dar tal-Gholja, Triq Ghar Lapsi fil-limiti tas-

Siggiewi. Din il-polza kienet tkopri l-perjodu mit-12 ta’ Ottubru 2011 sal-11 ta’ Ottubru 2012.[1]

2. F’Marzu tas-sena 2012, l-attur John Ranson inkariga lill-konvenut sabiex jaghmillu diversi xoghlijiet f’dan il-fond, fosthom installazjoni ta’ *water heater* gdid fil-kcina. Din l-installazjoni saret mill-konvenut u ibnu nhar il-31 ta’ Marzu 2012, u dak inhar il-*water heater* il-gdid gie installat fl-istess post fejn kien installat dak gja ezistenti, u cioe` fuq il-*cupboards* tal-kcina, izda ghall-fini ta’ estetika il-*water heater* il-gdid gie installat ftit centimetri aktar lejn ir-rokna tal-kamra.

3. Kmieni filghodu ta’ nhar it-13 ta' April 2012, l-attur John Ranson sema’ hoss u meta nizel fil-kcina sab li din kienet mgherrqa bl-ilma b’rizultat tal-fatt li l-*pipe* li kien gie installat mal-*water heater* il-gdid kien tqaccat. Aktar tard l-attur cempel lill-konvenut li mar fuq il-post u biddel dan il-*pipe*.[2]

4. Il-konvenut xehed li peress li l-*water heater* kien imwahhal fuq il-*cupboards* tal-kcina, huwa kien ta l-parir lil John Ranson li jkun ahjar li kieku dan jigi installat fil-garaxx li kien adjacenti mal-kcina, u dan sabiex f’kaz ta’ perkolazzjoni ta’ ilma tigi evitata hsara fl-ghamara tal-kcina. Skond il-konvenut, minkejja din it-twissija l-attur kien talbu biex jipprocedi bl-installazzjoni tal-*water heater* fuq il-*cupboards* tal-kcina u li din il-bidla setghu jaghmluha f’okkazzjoni ohra.

**5.** Il-konvenut kompla jghid illi meta nhar it-13 ta’ April 2012 huwa kien ezamina l-*pipe* in kwistjoni, kien irrizultalu li dan il-*pipe* kien dak li jissupplixxi l-ilma ghal gol-*water heater* u li dan kien inqasam min-naha tal-iskorfina tieghu. Qal li dan il-*pipe* kien gie provdut lilu mill-attur stess u dan peress li dakinhar li hu mar biex jinstalla il-*water heater*, hu kien attrezzat b’*pipes* qosra stante li l-hsieb kien li l-*water heater* jitwahhal minflok dak ezistenti. In vista tal-fatt li l-attur xtaq li l-*water heater* il-gdid jigi installat f’posizzjoni differenti, u cioe` ftit centimetri aktar lejn ir-rokna tal-kamra, kien hemm il-htiega ta’ *pipes* itwal u li meta kien ser imur jixtrihom l-attur kien qallu li diga` kellu *pipes* twal. Il-konvenut kompla jixhed li qabel ma nstalla dawn il-*pipes*, huwa kien

[1] Ara l-polza tal-assikurazzjoni a *fol.* 14 tal-process.
[2] Ara x-xhieda ta’ John Ranson a *fol.* 60 tal-process.

ezaminhom u kien ipproceda ghall-installazzjoni taghhom stante li kienu jidhru li 8ghadhom f'kundizzjoni tajba.[3]

**6.** Wara li sehhew dawn il-hsarat, l-attur John Ranson ghamel *claim* mas-socjeta` Melita Unipol Insurance Agency Limited li da parti taghha kienet inkarigat lil James Magri bhala *loss adjuster*. James Magri hejja rapport datat 20 ta' April 2012[4] fejn ikkonkluda li l-hsarat fil-kcina tal-attur kienet ikkagunata minn difett fil-*pipe* installat mal-*water heater,* u rapport iehor datat 7 ta' Lulju 2012[5] li permezz tieghu ikkwantifika l-hsara sofferta mill-attur. Ghab-bazi ta' dawn ir-rapporti, is-socjeta` Melita Unipol Insurance Agency Limited, li hija l-agent tas-socjeta` attrici, hallset is-somma ta' €6,256[6] lill-attur, u s-somma ta' €612.95[7] lil L.A. Services ghas-servizzi rezi mill-istess James Magri. Meta xehed f'dawn il-proceduri, James Magri qal li kien irrizultalu li l-*pipe* in kwistjoni ma kienx gdid ghaliex minkejja li kienu ghaddew biss ftit granet mid-data tal-installazzjoni, kien ikkonstata l-prezenza tal-gebla fl-istess *pipe*.[8]

**7.** Permezz ta' skrittura datata 3 ta' Lulju 2012, l-attur John Ranson u Elizabeth Ranson issurrogaw lis-socjeta` attrici fid-drittijiet kollha taghhom.

**Kunsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

**8.** Permezz tal-proceduri odjerni, is-socjeta` attrici qed titlob li l-konvenut jigi ikkundannat ihallasha €6,868.95 rapprezentanti hlasijiet li hija kelha taghmel lill-attur u lid-ditta L.A. Services in konnessjoni ma' polza ta' assikurazzjoni u b'konsegwenza ta' incident illi sehh fit-13 ta' April 2012 fid-dar tal-attur John Ranson assikurat mas-socjeta` attrici. L-attur John Ranson qieghed jitlob il-hlas tas-somma ta' €100 rapprezentanti *excess payment* minnu mhallas lis-socjeta` attrici skond l-istess polza ta' assikurazzjoni.

[3] Ara x-xhieda tal-konvenut a *fol.* 68 tal-process.
[4] Ara r-rapport a *fol.* 18 tal-process.
[5] Ara r-rapport a *fol.* 42 tal-process.
[6] Ara c-cheque datat 22 ta' Mejju 2012 fl-ammont ta' €2,107 a *fol.* 34 tal-process u c-cheque datat 24 ta' Lulju 2012 fl-ammont ta' €4,149 a *fol.* 45 tal-process.
[7] Ara c-cheque datat 27 ta' Lulju 2012 fl-ammont ta' €612.95 a *fol.* 44 tal-process.
[8] Ara x-xhieda ta' James Magri a *fol.* 46 tal-process.

**9.** Il-konvenut iwiegeb ghal din it-talba billi jghid li huwa ma kienx negligenti, li wettaq xoghlu skond l-arti u s-sengha, u li ghalhekk il-pretensjonijiet attrici ghandhom jigu michuda.

**10.** Fis-sentenza fl-ismijiet **Pierre Darmanin vs Moira Agius et** deciza fis-6 ta' Ottubru 2004, il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri)[9] elenkat il-principji generali li jirregolaw il-kuntratt ta' appalt u irriteniet hekk:

***11.*** "*(1) Bhala l-ewwel principju huwa dottrinalment u gurisprudenzjalment ricevut illi l-appaltatur ghandu l-obbligu li jezegwixxi x-xoghol lilu kommess fis-sens li huwa ghandu l-obbligu wkoll li jara li dan ix-xoghol ikun sejjer isir utilment u mhux b'mod li l-quddiem juri difetti. "L'imprenditore ha l'obbligo di eseguire bene l'opera commessagli, secondo i dettami dell'arte sua, e deve prestare almeno una capacita` ordinaria" (**Kollez Vol XXVII pI p373**). Dan fis-sens li hu "ghandu jiggarantixxi l-bonta` tax-xoghol tieghu" (**Kollez Vol XL pI p485**).*

***12.*** *(2) "L-appaltatur li jezegwixxi hazin ix-xoghol li jifforma l-oggett ta' l-appalt huwa responsabbli ghad-dannu kollu li jigi minn dik l-ezekuzzjoni hazina" (**Kollez. Vol XXXVII pIII p883**). Ghax kif jinsab ritenut ukoll "f'kaz bhal dan hu ghandu mill-ewwel ma jaghmelx ix-xoghol jew ikollu jirrispondi ghad-difetti li jigu l-quddiem" (**Mario Blackman -vs- Carmelo Farrugia et noe**", Appell Kummercjali, 27 ta' Marzu 1972).*

***13.*** *(3) Dan hu hekk avvolja jkun hemm l-approvazzjoni tax-xoghol (Kollez. Vol XLI pI p667) jew l-appaltatur ikun mexa skond l-ispecifications jew l-istruzzjonijiet lilu moghtija mill-kommittent. "E` dovere dell'appaltatore di resistere ad ordini che egli vedesse pregiudizievoli alla solidita` e contrarii alle buone regole dell'arte" (**Kollez Vol XXV pI p727**). Kif ahjar imfisser u spjegat, "l-appaltatur hu obbligat u hu dejjem responsabbli li jaghti lill-appaltant opra sodisfacenti, u ma jistghax jallega li x-xoghol sar mhux sewwa ghax hu ghamlu kif ried il-kommittent, billi l-appaltatur hu obbligat jirrezisti ghal kwalunkwe intromissjoni tal-kommittent" (**Kollez. Vol XLII pII p1003**).*

[9] *Per* Imhallef Philip Sciberras.

**14.** *(4) Huwa pacifiku ukoll illi l-hlas tal-prezz tal-appalt jew il-hlas akkont ma jfissrux necessarjament approvazzjoni tax-xoghol jekk dan fil-fatt jirrizulta difettuz (**Kollez. Vol XLI pII p892**);*

**15.** *(5) Meta allura jirrizultaw dawn id-difetti, kif certament hu l-kaz in ispecje, l-appaltatur jitqies in kolpa minhabba inadempiment. "Il-kolpa kontrattwali hija dik li tikkonsisti fin-nuqqas ta' l-ezekuzzjoni, jew f'ezekuzzjoni hazina, ta' l-obbligazzjoni rizultanti mill-kuntratt" (**Kollez. Vol XXXVIII pI p292).**"*

**16.** Gie wkoll ritenut li l-appaltatur ghandu dejjem jezegwixxi l-appalt skond l-arti u s-sengha u ghandu l-obbligu li jiggarantixxi mhux biss il-kwalita` tax-xoghol tieghu izda wkoll l-idonjeta` tal-materjal minnu uzat. Ghalhekk l-appaltatur huwa responsabbli ghall-ghazla tal-materjal indipendentement mill-fatt li huwa jinghata struzzjonijiet mill-kommittent sabiex juza materjal inferjuri. Fis-sentenza fl-ismijiet **Raymond Mallia noe vs Martin Mizzi noe**, deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili[10] fit-28 ta' Mejju 2003 gie ritenut illi:

**17.** "*Issa, qabel xejn jinsab akkolt fil-gurisprudenza taghna illi f'xi kazijiet meta l-appaltatur jintraprendi opra li fiha jaghti mhux biss ix-xoghol jew is-sengha tieghu, imma jfornixxi wkoll materjal u attrezzaturi, dan l-appalt jista' jigi ekwiparat b'affinita` mal-bejgh. (**Vol. XL P II p 883**).*

**18.** *F'kull kaz pero` dan ma jeliminax il-fatt illi min jintraprendi bicca xoghol hu obbligat u jitqies dejjem responsabbli li jaghti opra sodisfacenti (**Vol. XLII P II p 1003**). Din ir-responsabilita` tikkolpixxi mhux biss xoghol hazin imma anke xoghol ezegwit b'materjal hazin. Tant dan hu hekk li dejjem skond gurisprudenza affermata l-appaltatur hu tenut jiggarantixxi l-bonta` tax-xoghol tieghu (**Vol. XXXV P III p 528**) kif ukoll il-bonta` tal-materjal adoperat (**Vol. XXX IX P I p 442**);*"

**19.** Applikat dan l-insenjament ghall-kaz odjern, il-Qorti hija tal-konsiderata fehma li l-konvenut ma jistax jehles mill-obbligi tieghu naxxenti mill-appalt billi jallega li l-*pipe* li sussegwentement irrizulta li kien difettuz kien gie provdut lilu mill-kommittent. Dan

[10] *Per* Imhallef Philip Sciberras.

qieghed jinghad ghaliex fl-ewwel lok, din l-allegazzjoni ma gietx ippruvata. Meta John Ranson xehed f'dawn il-proceduri huwa bl-ebda mod ma ikkonferma li kien hu li issuplixxa l-*pipe* lill-konvenut. Ghall-kuntrarju, din l-allegazzjoni kienet giet rifjutata minn Ranson stess ftit jiem wara li sehh l-incident u dan kif jirrizulta mir-rapport ta' James Magri datat 20 ta' April 2012 fejn hemm indikat illi "*Mr Vella then argued that the pipe in question was in fact supplied to him by Mr. Ranson. Mr Ranson has denied this.*"[11]

**20.** Fil-fatt fix-xhieda tieghu il-konvenut jghid li Ranson tah iz-zewg pajpijiet, li wiehed minnhom tqaccat, minn go kaxxa fejn kellu izjed pajpijiet bhat-tnejn li tah, ghaliex kien wahhal dawn il-pajpijiet xi mkien iehor, imbaghad qalaghhom. Huwa jghid hekk *"Kellu izjed pajpijiet gol-kaxxa jigifieri minnhom."*[12] Fl-istess waqt, meta nqala' l-incident, l-konvenut jghid li hu staqsa lil Ranson jekk kellux *pipe* iehor, u dan wiegbu fin-negattiv, u allura mar xtara *pipe* gdid u biddel dak li nkiser.[13] Logikament, jekk hu vera dak li qal il-konvenut li Ranson kellu izjed pajpijiet fil-kaxxa, Ranson kien imur igib il-kaxxa u l-konvenut kien juza wiehed mill-pipijiet l-ohra li kien hemm fil-kaxxa. Fid-dawl ta' din il-kontradizzjoni fix-xhieda tal-konvenut stess, il-Qorti hija tal-opinjoni li l-verzjoni ta' Ranson li huwa ma issupliex il-*pipe* in kwistjoni lill-konvenut, hija dik veritiera.

**21.** Fit-tieni lok, il-konvenut *qua* appaltatur jibqa' f'kull kaz responsabbli ghall-garanziji legali naxxenti mill-appalt sottoskritt minnu. Huwa pacifikament ritenut illi l-appaltatur jibqa' dejjem responsabbli li jippresta opra sodisfacenti u huwa obbligat jirrezisti kwalunkwe intromissjoni tal-kommittent. Dan ifisser illi anke jekk anke jekk ghall-grazzja tal-argument biss din il-Qorti taccetta li huwa gie kommissjonat biex juza prodott li wara rrizulta li ma' kienx addattat ghall-uzu li kien intiz ghalih, dan il-fatt ma jezonerax lill-konvenut mill-obbligi tieghu li jaghmel xoghlu skond l-arti u sengha. Bhala l-persuna tas-sengha, il-konvenut messu kien jaf li l-installazzjoni ta' prodott uzat kien ser izid ir-riskju li l-prodott ma jservix daqs wiehed gdid, tenut kont tal-effetti maghrufa li l-ilma ghandu fuq il-metall u li ghalhekk jirrenduh aktar dghajjef mal-medda taz-zmien. Bl-ghazla tieghu li jipprocedi bl-installazzjoni ta' dan il-prodott uzat,

[11] Ara r-rapport a *fol.* 18 tal-process.
[12] Ara *fol. 74* tal-process.
[13] Ara *fol 70* tal-process.

il-konvenut espona lill-kommittent ghal riskju akbar minn dak li kien ikun espost ghalih li kieku l-*pipe* kien wiehed gdid. Hija sinjifikanti x-xhieda moghtija minn James Magri li f'dan ir-rigward qal hekk: "*Dan il-flexi pipe jiena deherli li ma kienx gdid ghax go fih kien hemm il-gebla jigifieri l-flexi pipe huwa wkoll imqaccat jigifieri ghandu l-parti tal-kamin hija mqaccta minnu u ghalhekk ovvjament hareg l-ilma*".[14]

**22.** Fit-tielet lok, anke jekk ghall-grazzja tal-argument biss ikollha tigi accettata l-verzjoni tal-konvenut li kien il-kommittent li issuplih b'dan il-prodott, xorta wahda jibqa' l-fatt li fuq ammissjoni tieghu stess huwa kien ezamina dan il-*pipe* u ccertifikah bhala idoneju ghall-iskop intiz, u konsegwentement il-konvenut kien qieghed jiggarantixxi l-idonjeta` tal-istess prodott. L-obbligu tal-konvenut kien dak illi jwettaq xoghlu b'mod tajjeb, skont l-arti u s-sengha u b'garanzija ghall-utilita` u l-bonta` tal-istess xoghol ezegwit minnu, xi haga li fil-fehma ta' din il-Qorti l-konvenut naqas milli jaghmel.

**23.** Finalment ghandu jigi sottolineat fattur iehor li kkontribwixxa b'mod dirett fil-kwantita` tal-hsara sofferta mill-kommittent, u cioe` l-fatt li l-*water heater* gie nstallat fuq il-*cupboards* tal-kcina. F'dan ir-rigward il-konvenut xehed li huwa kien ta l-parir lil John Ranson li l-*water heater* ma jigix installat fuq il-*cupboards* izda fil-garaxx li kien adjacenti mal-kcina. Il-konvenut xehed ukoll li solitament il-*water heater* jitqieghed taht is-sink, bl-iskop li fl-eventwalita` li tizviluppa xi hsara l-ilma jispicca mill-ewwel fl-art u mhux ixarrab l-ghamara kollha tal-kcina. Apparti l-fatt li John Ranson jichad kategorikament li qatt sar xi suggeriment bhal dan qabel ma saret l-installazzjoni u li kien biss wara li sehh l-incident li l-konvenut kien hareg b'din il-proposta, fi kwalunkwe kaz ladarba d-dettami tal-arti u s-sengha kienu jesigu li l-*water heater* ma jigix installat fuq il-*cupboards*, anke jekk il-kommittent insista mal-konvenut biex jaghmel hekk, il-konvenut kien obbligat li jirrifjuta li jipprocedi bl-installazzjoni.

**24.** Mir-rapport ta' James Magri jirrizulta li l-ghamara li ma gietx milquta mill-hsarat ikkawzati minn din il-perkolazzjoni kienet f'persentagg inferjuri ghal ghoxrin fil-mija (20%), hsara li setghet facilment tigi evitata li kieku l-*water heater* gie nstallat f'parti aktar baxxa tal-kcina jew f'lok iehor maqtugh mill-ghamara tal-kcina. Ghalhekk id-decizjoni tal-konvenut li jipprocedi bl-installazzjoni fuq il-*cupboards* kellha impatt

[14] Ara x-xhieda ta' James Magri a *fol.* 46 tal-process.

dirett fuq l-entita` tal-hsarat, u l-ipotesi li huwa mexa mal-istruzzjonijiet tal-kommittent ma tistax tezonerah mill-obbligu tieghu li jwettaq xogholu skond l-arti u s-sengha. Il-konvenut naqas mill-obbligu tieghu li fl-esekuzzjoni ta' l-appalt juri perizja u jagixxi bid-diligenza u l-prudenza ta' *bonus paterfamilias*, u ghalhekk ghandu jaghmel tajjeb ghall-hsara konsegwenzjali.

**25.** F'dan l-istadju, il-Qorti taghmel ukoll referenza ghall-*email* mibghuta mill-attur John Ranson lill-avukat difensur tal-konvenut u li permezz taghha huwa ddikjara li l-konvenut ma ghandux jinzamm responsabbli ghal dan l-incident. Fl-ewwel lok, din l-*email* li ggib id-data tat-8 ta' Awwissu 2012 intbaghtet minn John Ranson wara li huwa kien rcieva minghand l-istess socjeta` attrici l-hlas relattiv ghal dan il-kaz u wara li kienet avverrat ruhha s-surroga. Ghalhekk meta ghamel dik id-dikjarazzjoni l-attur ma kienx baqghalu interess biex jitlob il-hlas tad-danni minghand il-konvenut, u tali dikjarazzjoni ma ghandha ebda effett fuq il-jedd tas-socjeta` attrici li titlob ir-rimbors tad-danni mhallsa. Fit-tieni lok, minkejja din id-dikjarazzjoni, l-attur John Ranson xorta ntavola dawn il-proceduri fejn qieghed jitlob il-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tal-*excess payment.* Fit-tielet lok, l-affermazzjoni kontenuta fl-istess *email* li din il-hsara kienet ikkawzata minn *"a flexihose which must have been badly manufactured"* ma tirrizultax mill-atti processwali. Dak li jirrizulta huwa li l-konvenut ghamel uzu minn prodott li ma kienx idoneju ghall-uzu intiz, u li ipproceda bl-installazzjoni tal-*water heater* f'lok li ma kienx ma kienx konformi mas-sengha u l-arti. Fir-raba' lok, ma ngabitx l-icken prova li Ranson huwa intiz, inqas u inqas espert, fix-xoghol tal-*plumbing*, u ghalhekk certament mhux persuna idonea biex tesprimi opinjoni jekk il-konvenut kienx negligenti fix-xoghol tieghu, jew le.

**26.** Ghal dak li jirrigwarda t-talba ta' John Ranson ghall-hlas tas-somma ta' €100 rapprezentanti *excess payment*, mix-xhieda ta' Andrew Pizzuto jirrizulta li l-hlas maghmul minn John Ranson kien fis-somma ta' €50 u mhux €100.[15] Ghaldaqstant it-talba ta' John Ranson tista' tintlaqa' biss sa dan l-ammont.

[15] Ara x-xhieda ta' Andrew Pizzuto a *fol.* 9 tal-process.

**Konkluzjoni**

**27.** Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti:

1. Tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut;

2. Tilqa' t-talba tas-socjeta` attrici u ghalhekk tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici Mapfre Middlesea Insurance plc is-somma ta' sitt elef tmien mija u tmienja u sittin Euro u hamsa u disghin centezmu (€6,868.95);

3. Tilqa' limitatament it-talba tal-attur u ghalhekk tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur John Ranson is-somma ta' hamsin Euro (€50);

4. L-imghax fuq iz-zewg ammonti ghandhom jibdew jiddekorru min-notifika tal-ittra ufficjali tat-8 ta' Awwissu 2012 sad-data tal-pagament effettiv.

5. Tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, l-ispejjez kollha ta' dawn il-proceduri, inkluz dawk tal-ittra legali tat-30 ta' Lulju 2012 u tal-mandat ta' sekwestru upprezentat kontestwalment mar-rikors promotur, ghandhom jigu subiti mill-konvenut.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**